

31988L0220

19.4.1988

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 100/31

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Marzu 1988

**li temenda, fir-rigward tal-politiċi ta' l-investment ta' ċerti UCITS, id-Direttiva 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi għal investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS)**

(88/220/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 57(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Fkooperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 22(1) u (2) tad-Direttiva 85/611/KEE <sup>(4)</sup> jillimita l-investment ta' assi UCITS f'titoli trasferibbli mill-istess kumpannija li toħroġhom għal 5 %, limitu li jista', jekk meħtieġ, jiż-  
died għal 10 %;

Billi dak il-limitu jimponi problemi speċjali għal UCITS stabbiliti fid-Danimarka f'każijiet meta huma jkunu jixtiequ jinvestu proporzjon apprezzabbli ta' l-assi tagħhom fis-suq domestiku tal-*bonds*, ladarba dak is-suq huwa ddominat b'*bonds* ta' kreditu ta' ipoteki u n-numru ta' istituzzjonijiet li joħorġu dawn il-*bonds* huwa żgħir ħafna;

Billi dawk il-*bonds* ta' kreditu ta' ipoteki huma soġġetti fid-Danimarka għal regoli u sorveljanza speċjali maħsuba biex tippoteġi lil titolari u huma trattati taħt il-liġi Daniża bħala ekwivalenti għal *bonds* maħruġa jew garantiti mill-Istat;

Billi l-Artikolu 22(3) tad-Direttiva 85/611/KEE jidderoga minn paragrafi 1 u 2 ta' dak l-Artikolu fil-każ ta' *bonds* maħruġa jew garantiti minn Stat Membru u jawtorizza lil UCITS biex jinvestu partikolarment sa 35 % ta' l-assi tagħhom f'dawn il-*bonds*;

Billi deroga simili, imma ta' estent aktar limitat hija ġġustifikata fir-rigward ta' *bonds* tas-settur privat li, anki fl-assenza ta' garanzija ta' Stat, madanakollu joffru garanziji speċjali lill-investitur taħt ir-regoli speċifiċi applikabbli għalihom; billi huwa għalhekk neċessarju li din id-deroga tiġi estiża għat-totalità ta' dawn il-*bonds* li konguntemment jissodisfaw kriterji fissi, waqt li l-Istati Membri jitħallew iħejju l-lista ta' *bonds* li lilhom ikollhom l-intenzjoni, meta approprjat, jagħtu deroga, u li jipprovdu għal proċedura biex l-Istati Membri l-oħrajn identifiċi għal dak previst fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 85/611/KEE jiġu infurmati,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 85/611/KEE, il-paragrafi li ġejjin għandhom jiżdedu:

“4. L-Istati Membri jistgħu jgħollu l-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 għal massimu ta' 25 % fil-każ ta' ċerti *bonds* meta dawn jinħarġu minn istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru u tkun soġġetta skond il-liġi għal sorveljanza pubblika speċjali ddisinjata biex tippoteġi lil titolari tal-*bonds*. B'mod partikolari, somom li jirriżultaw mill-ħruġ ta' dawn il-*bonds* għandhom jiġu investiti in konformità mal-liġi f'assi li, tul il-perjodu kollu tal-validità ta' dawn il-*bonds*, ikunu jistgħu ikopru pretensjonijiet marbuta

<sup>(1)</sup> ĠU C 155, tal-21.6.1986, p. 4.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni ppubblikata fil-ĠU Nru C 125, tal-11.5.1987, p. 162 u d-Deċiżjoni ta' l-10 ta' Frar 1988 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 333, tad-29.12.1986, p. 10.

<sup>(4)</sup> ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 3.

mal-*bonds* u li, fil-każ ta' nuqqas min- naħa ta' dak li jkun hari-ghom, ikunu użati fuq bażi ta' prijorità għar-rimbors tal-prinċipal u l-ħlas ta' l-imgħaxijiet akkumulati.

Meta UCITS tinvesti aktar minn 5 % ta' l-assi tagħha fil-*bonds* imsemmija fl-ewwel subparagrafu u maħruġa minn persuna/kumpannija waħda, il-valur totali ta' dawn l-investimenti ma jistax jeċċedi 80 % tal-valur ta' l-assi ta' l-UCITS.

Kif stabbilit fl-Artikolu 20 (1), l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni lista tal-kategorija msemmija qabel ta' *bonds* flimkien mal-kategoriji ta' dawk awtorizzati li joħor-ghom skond il-liġijiet u l-arranġamenti ta' sorveljanza msemmija fl-ewwel subparagrafu, biex joħorġu *bonds* li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fuq. Notifika li tispeċifika l-istatus tal-garanziji offerti għandha tkun meħmuża ma' dawn il-listi. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20(2) għandha tapplika.

5. It-titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafi 3 u 4 m'għandux jittieħed kont tagħhom għall-iskop li jiġi applikat il-limitu ta' 40 % imsemmi fil-paragrafu 2.

Il-limiti previsti fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 ma jstgħux ikunu kombinati, u għalhekk investimenti f'titoli trasferibbli maħruġa

mill-istess korp imwettqa skond il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 m'għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jeċċedu f'total 35 % ta' l-assi ta' UCITS."

#### L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-istess dati bħal dawk previsti fid-Direttiva 85/611/KEE. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

#### L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Marzu 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BANGEMANN